**29 ta' Settembru, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Lawrence Callus**

**Traffiku — Kolliżjoni — Sewqan Perikolus — Negliġenza Kontributorja — Skizz — Relazzjoni Peritali — Responsabbiltà Kriminali.**

*L-iskizzi li jiġu preparati mill-Pulizija tat-traffiku in segwitu għal inċident stradali, u li huma ferm utili għall-awtorità ġudizzjarja li eventwalment tiġi nvestita bil-każ, għandhom ikunu limitati għal dak li 'actu" jista' jiġi konstatat "de visu" meta l-Pulizija tmur fuq il-post; u ma għandhomx jikkomprendu r-rappreżentazzjoni grafika ta' rikostruzzjoni teorika tal-inċident.*

*Fir-relazzjoni tal-perit li jiġi nominat biex jirrelata dwar inċidenti stradali mhumiex rakkomandabbli konsiderazzjonijiet ta' indoli ġenerali li jiġġeneralizzaw dak li soltu jagħmlu ħażin drivers oħra; u kull ġudizzju għandu jkun affrontat fuq iċ-ċirkustanzi tiegħu partikulari kif pruvati.*

*Meta driver bil-vettura tiegħu jaħbat ma' vejikolu ieħor, u wara l-ħabta, u bħala effett tagħha, il-brakes tal-vettura minnu misjuqa ma jibqgħux jiffunzjonaw, hu mhux neċessarjament responsabbli ta' danni oħra li jiġu kaġunati wara dik il-ħabta, billi jingħad li dak id-driver kien il-kaġun ta' kollox. Jista' jkun li "civiliter" dak id-driver, fuq proċeduri f'Qorti*

*ta' ġurisdizzjoni diversa, jiġi ritenut responsabbli tal-konsegwenzi kollha prossimi tal-ħabta; imma altru li wieħed jgħid hekk, u altru li wieħed jieħu argument tal-manjiera tas-sewqan tad-driver mill-inċidenti posterjuri għall-ħabta, bla ma jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li b'dik il-ħabta tqaċċtu l-brakes tal-vettura tiegħu. Dawk l-inċidenti posterjuri, però, jillustraw il-"momentum" li kellha l-vettura ta' dak id-driver meta ġiet f'kolliżjoni mal-vettura l-oħra.*

*Jekk id-driver l-ieħor kien fi ħtija kontributorja għal dak li ġara, din il-ħtija ma tiddirimix ir-responsabbiltà tad-driver li ħabat miegħu, ammenokkè l-aġir tad-driver l-ieħor ma kienx il-kawża unikament determinanti tal-inċident.*

*Driver li jsuq truck b'tagħbija ġebel malament marbuta fi trieq traffikuża bi speed eżaġerat, u dippjù jissorpassa vettura oħra nkawtament b'mod li jidħol fiz-zona tat-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni opposta, ikun qiegħed isuq b'manjiera perikoluża, b'mod li jikkrea perikolu għan-nies u għall-proprjetà.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imsemmi Callus ġie miġjub quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għal dawn l-imputazzjonijiet, ċjoè (1) talli saq it-truck hemm imsemmi b'manjiera perikoluża, (2) u b'ġiri aktar milli jmissu, (3) naqas iżomm fuq ix-xellug nett tat-trieq, (4) naqas jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa qabel ma jaqbeż vetturi oħra, (5) naqas li jorbot sewwa t-tagħbija tiegħu, (6) b'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti, ħabat ma' truck ieħor u kkaġunalu dannu, (7) ikkaġuna ħsara f'car, (8) ikkaġuna ħsara f'van, (9) ikkaġuna ħsara fil-petrol pump, (10) ikkaġuna ħsara fit-truck li kien qiegħed isuq, (11) u kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' ċertu Ciappara; bit-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika mil-liċenza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' April 1962, li biha sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha minbarra dawk fin-numri 6, 7, 9 u 10, stante rinunzja tad-danneġġjati, u rriteniet illi l-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ġie misjub ħati kienu kollha assorbiti fl-ewwel waħda, dik, ċjoè, ta' sewqan b'manjiera perikoluża;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella u talab li jiġi liberat mill-imputazzjonijiet kollha, prevja revoka "pro tanto" tas-sentenza appellata;

Trattat l-appell;

Din il-Qorti kkunsidrat;

Jixraq, qabel xejn, li *din il-Qorti tal-Appell tagħmel żewġ osservazzjonijiet "per modum regulae"*;

1. L-iskizzi li jiġu preparati mill-Pulizija tat-Traffiku in segwitu għal inċidenti stradali simili, u li huma ferm utli għall-awtorità ġudizzjarja eventwalment investita bil-każ, *għandhom ikunu limitati għal dak li "actu" jista' jiġi konstatat "de visu"* meta l-Pulizija tmur fuq il-post tal-inċident ċjoè pożizzjoni tal-karrozzi, traċċi ta' brakes u/jew ta' skidding, stat tat-trieq, miżurazzjonijiet, okkorrendo, topografija tal-lokalità, indikazzjoni ta' xi gradjent fit-trieq, pożizzjoni tal-ħsara tal-karrozzi, u affarijiet simili, immedjatament u attwalment konstatabbli; imma ma għandhomx jikkomprendu r-rappreżentazzjoni grafika ta' rikostruzzjoni teorika tal-inċident; għax din l-aħħar tista' tippreġudika l-"locus standi" ġuridiku tal-persuni avoluti, u tista' anki tinvadi l-isfera tal-awtorità ġudizzjarja (ara in propożitu xhieda miġbura "ad hoc" f'din is-sede fol. 44);

2. Konsiderazzjonijiet tal-indoli ġenerali, bħal dik magħmula mill-perit ġudizzjarju Edgar Felice fil-fol. 13-14 tar-relazzjoni tiegħu tal-ewwel, ma humiex rakkomandabbli; għaliex ġeneralizzazzjoni simili fuq dak li soltu jagħmlu ħażin truck-drivers ma tistgħax tkun konvinċenti, minħabba r-rifiess li dejjem jista' jkun li truck-drivers oħra jagħmlu hekk, u ntant l-imputat ma għamelx hekk fl-okkażjoni in kwistjoni. Jista' jkun ukoll li l-imputat dejjem għamel hekk qabel, u ntant ma għamelx hekk fl-okkażjoni partikulari. Kull ġudizzju għandu jiġi affrontat fuq iċ-ċirkustanzi tiegħu in partikulari kif pruvati;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ma ħassithiex soddisfatta bl-istruzzjoni tal-proċess u ċehrilha li għall-aħjar intelliġenza tal-każ

kien jeħtieġ li jingħataw inkariki oħra lill-perit ġa nominat b'termini oħra ta' riferenza, speċjalment in vista talkontestazzjoni tad-difiża; u għalhekk din il-Qorti rrimettiet il-proċess lill-perit, wara li għamlet leskussjoni tiegħu fol. 44 u ppronunzjat in propożitu d-digriet fol. 42;

Ikkunsidrat;

Peress li dan is-sinistru stradali kien — biex wieħed jgħid hekk — spettakolus, in kwantu li t-truck misjuq mill-appellant l-ewwel ħabat ma' truck, mbagħad tajjar kantun mit-tagħbija tiegħu fuq car, mbagħad ħabat ma' van, kaxkar miegħu dan il-van għal ċerta distanza sakemm tela' l-bankina bih b'kollox, u fl-aħħarnett ħabat ma' petrol pump, għalhekk kienet timponi ruħha n-neċessità li l-ġudikant jindaga sewwa x'kien li kkaġuna din is-sekwela sorprendenti ta' diżastri, bla ma jħalli l-konvinzjoni tiegħu tifforma ruħha mpressjonistikament;

Issa, mill-istess perizja jirriżulta li, wara l-ħabta mat-truck (li kienet is-sinistru tal-bidu), u bħala effett tagħha, il-brakes tal-vettura tal-appellant ma baqgħux jiffunzjonaw (ara fol. 47). Il-perit ġudizzjarju, li kien qiegħed jirrelata ulterjorment fit-termini tat-tieni nkariku komplessa lilu mogħti minn din il-Qorti, osserva (fol. 57) li l-appellant hu responsabbli ta' dak li ġara wara l-ħabta mat-truck u l-ksur tal-brakes, għaliex l-appellant kien il-kaġun ta' kollox. Dan ma hux għal kollox preċis. Jista' jkun li "civiliter", fuq proċeduri f'Qorti ta' ġurisdizzjoni diversa, l-appellant jiġi ritenut responsabbli anki ta' dak li ġara wara l-ewwel ħabta mat-truck, u kwindi responsabbli tal-konsegwenzi kollha prossimi tagħha. Dwar daqshekk din il-Qorti ma tesponi ebda opinjoni. Imma altru li wieħed jgħid hekk, u altru li wieħed jieħu argument tal-manjiera tas-sewqan tal-appellant mill-inċidenti posterjuri għall-ewwel ħabta mat-truck ta' Ciappara, bla ma jieħu anki in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li b'dik il-ħabta tqaċċtu l-brakes tat-truck tal-appellant. Il-verità hija din. Kieku l-brakes baqgħu jiffunzjonaw, preżumibbilment l-appellant, wara l-ħabta mat-truck ta' Ciappara kien jista' jevita d-diżastri l-oħra sussegwenti, jew almenu jirriduċi l-proporzjoni tagħhom, mentri bil-brakes imqaċċta hu ftit jew xejn seta' jagħmel. Fl-istess ħin, però, jibqa' l-fatt li, avvolja l-ewwel ħabta b'xi mod tabilfors operat biex tnaq-

lament marbuta, fi trieq traffikuża, bi speed eżaġerat, li żgur kien jilħaq l-erbgħejn mil fis-sigħa, u per ġunta jissorpassa vettura oħra nkawtament, b'mod li jidħol fiz-zona tat-traffiku li ġej mid-direzzjoni opposta, ikun qiegħed isuq b'mod li qiegħed jikkrea perikolu għall-persuni u l-proprjetà;

Għalhekk din il-Qorti, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-iskwalifika għandha tibda tgħodd minn nhar it-Tnejn, l-ewwel ta' Ottubru 1962;

Il-Qorti tiddikjara li ma kkundannatx lill-appellant għall-ispejjeż tal-perizja addizzjonali, jew parti minnhom, għaliex hi stess ħasset in-neċessità ta' dawn l-iskjarimenti ulterjuri għar-rasserenazzjoni tal-konvinċiment tagħha, u ma kienux spejjeż provokati minn appilji vessatorji jew temerarji tal-appellant.